# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

indirizze: santavenera.lc@gov.mt


**18/19**

**It-tmintax (18) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru, 2013 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| **Preżenti:** | | | |
|---|---|---|---|
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

***Aġenda:***

1. ***Talba***
2. ***Qari u approvazzjoni tal-minuti 16/19 u 17/19***
3. ***Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti***
4. ***Korrispondenza***
5. ***Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni***
6. ***Ilmenti***
7. ***Ordnijiet tal-Ġurnata***
   ***(a) Estimi Finanzjarji 2014***
   ***(b) Quarterly Report Settembru 2013***
   ***(c) Tender tal-Patching u Bankini***
   ***(d) Pjan ta' Ħidma***
8. ***Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati***
9. ***Komunikazzjoni mis-Sindku***
10. ***Aġġornament***

1 Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

*2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 16/19 u 17/19 ttieħdu bħala moqrija

2.1.1 Korrezzjoni tal-Minuti 16/19
2.1.2 Fl-attendenza fejn il-Kunsillier Horace J. Anastasi flok "19.35" tinbidel għal "19.16"
2.1.3 Minuta 3.9 tiġi minuta 3.10, Minuta 3.10 tiġi 3.11 u Minuta 3.11 tiġi 3.12.

2.1.4 Minuta 3.11 qabel "Pjan Lokali" jidħlu l-kliem "Rigward il-"
2.1.5 Minuta 4.2 flok il-kliem "sa Diċembru" issir il-kelma "bħalissa"; u wara l-kelma "TCTC" titneħħa "u" u tiġi ","
2.1.6 Minuta 7(b) il-kelma "Leone" issir "Leoni"; jitneħħa il-kliem "Fun Run 1 ta' Diċembru filgħodu"; flok il-kelma "Show" issir il-kelma "Attivita`".
2.1.7 Minuta 9 il-kelma "ordnati" tinbidel u ssir "mitluba"

2.2 Approvazzjoni tal-Minuti 16/19 u 17/19
2.2.1 Il-Minuti 16/19 u 17/19 ġew approvati unanimament

3 ***Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti***

3.1 16/19 Minuta 3.7 Is-Sindku qal li saret il-laqgħa għal dawk li applikaw u l-korsijiet ser jibdew fis-26 ta' Novembru. Ser ikun hemm 48 student għal Learn IT u 10 studenti għall-ECDL.

3.2 16/19 Minuta 5.1 – Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Kuntrattur fejn kienu preżenti wkoll il-Contracts' Manager kif ukoll is-Sur Silvio Vella. Fil-laqgħa ġie diskuss li hemm telqa in-naħa tas-Sienja għalhekk il-Kuntrattur ġie mitlub jagħti aktar attenzjoni kif filfatt għamel. Rigward il-fatt li jinżergħu aktar fjuri, il-Kuntrattur irrimarka li bħalissa dan ma jistax isir.

* Il-Kunsill

3.3 16/19 Minuta 7(b) – Ġie deċiż li l-attivita ta' Clean up Santa Venera nordnaw Skip li ser tiswa madwar €60 u għal dak in-nhar ser ikollna wkoll gaffa żgħira li ser jieħu ħsiebha l-Kuntrattur tal-Knis. Ser ikollna bżonn ukoll nagħmlu No Parking sign minn ġurnata qabel. Il-ħin tal-attivita ser ikun fl-10am. Fl-eventwalita li jkun il-maltemp din l-attivita titħassar.

Il-Festa tal-Għasel f'Casa Leoni ġie deċiż li tiġi posposta għad-19 ta' Marzu 2014.

Il-*Health Awareness Activity* ġie deċiż li tkun posposta wkoll għal 10 ta' Frar 2014 fejn fiha ikun hemm ukoll lecture fuq il-kanċer tas-sider.

Santa Venera Tour ġie deċiż li jiġi inkluż ma' attivita oħra possibilment mal-attivita Akkwadott Iffjurit li ser issir f'Mejju 2014.

3.4 16/19 Minuta 9.2 – Rigward Misraħ Santa Venera is-Sindku qal li d-dawl tal-Pedestall kif imfassal mil-Kuntrattur, ser jiġi ħażin għaliex mhux ser ikun qiegħed ~~jillumina~~ idawwal l-istatwa ta' Santa Venera għalhekk hu kellem Inġinier sabiex itih parir ieħor. Dan l-Inġinier qallu li l-aħjar isiru forma ta' strixxi mal-pedestall u anke fuq wara biex jitfgħu id-dawl fuq l-istatwa. Għalhekk irridu nippruvaw nibdlu id-dawl li għandna għax ser ikun ta' bla użu. Għalhekk irridu wkoll naqalgħu it-turġien taż-żonqor li huma imtaqqbin u jinbidlu.

3.5 16/19 Minuta 9.3 – Is-Sindku qal li il-Kunsill ser ikun qiegħed jawtorizza lill-Kunsillier Elizabeth Vella sabiex tkellem lill-ħwienet ta' Triq il-Kbira San Ġużepp sabiex naraw min minnhom huwa mħajjar li jżejjen għal dawn iż-żmien ta' festi.

Rigward it-tiżjin tas-siġar minn naħa tal-Ministeru, is-Segretarju tkellem b'permezz tal-email mal-Onor Roderick Galdes u għaddiena mas-Sur Vince Azzopardi.

3.6 17/19 Minuta 1.1 – Is-Sindku qal li saret il-preżentazzjoni tal-Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ u issa fl-20 ta' Novembru ser ikun hemm iċ-ċeremonja ġewwa l-Parlament fil-Palazz tal-President.

## 4 *Korrispondenza*

4.1 Is-Sindku qal li irċevejna talba mingħand O'Flaherty fejn qiegħed jitlob li inbiddlu il-ħinijiet tat-tabella li għamilna minn 4pm – 6pm għat-3pm -5pm. Ġie maqbul li tinbidel biss l-isticker mill-Koptasin.

4.2 Irċevejna korrispondenza mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ sabiex inħeġġu liż-żgħażagħ japplikaw sabiex jiffurmaw il-Kunsill taż-Żgħażagħ u b'hekk ikunu jistgħu japplikaw għal proġett sa massimu ta' €3,000 u il-Kunsill joħroġ l-20% minnu. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.3 Is-Sindku qal li irċevejna mingħand il-Kerygma li bħalissa hemm in-nomini taż-żagħżugħ tas-sena miftuħin għalhekk tajjeb li ninnominaw persuna sad-29 ta' Novembru. Is-Sindku ppropona lill-Kunsill sabiex tiġi nnominata Amanda Galea. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u l-applikazzjoni ser jieħu ħsiebha s-Sur Silvio Vella.

4.4 Irċevejna korrispondenza wkoll mingħand il-Community Education team ta' Mater Dei sabiex isiru First Aid session għal nies minn 16-il sena l'fuq fil-Kunsilli Lokali. Il-kunsill qabel li jibdew isiru dawn is-~~*sessions*~~ sessjonijiet ta' tlett siegħat il-waħda. Dawn is-*sessions* jibdew is-sena d-dieħla wara l-festi.

## 5 *Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni*

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati hekk kif ippreżentati.

Fit-7.44 is-Sur Horace J. Anastasi ġie skużat mill-laqgħa.

Fit-7.46 is-Sur Jason Mangani ġie skużat mill-laqgħa.

## 6 *Ilmenti*

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 273 sa ilment numru 304. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

273 Mhux possibbli li ssir
274 Water Services Corporation jew ħaddiema assenjati
275 Ġardinar
276 Trasport Malta
277 Trasport Malta
278 Ħaddiema Assenjati
279 Water Services Corporation jew ħaddiema assenjati
280 Jiġi identifikat is-Sid
281 Kien hemm qbil sabiex ix-xogħil isir minn Kuntrattur Privat
282 Water Services Corporation jew ħaddiema assenjati
283 Ħaddiema Assenjati
284 Enemalta
285 Il-Kunsill ma qabilx
286 Hemm korrispondenza ma Trasport Malta
287 Contracts Manager
288 l-istess bħal 279
289 Trasport Malta
290 Ħaddiema Assenjati
291 Ħaddiema Assenjati
292 Enemalta
293 Koptasin
294 Lesta

295 Ħaddiema Assenjati
296 Isiru sinjali sofor bejn iż-żewġ garaxxijiet mill-Ħaddiema Assenjati
297 Ħaddiema Assenjati
298 Koptasin
299 Trasport Malta
300 Kien hemm qbil sabiex tissejjaħ laqgħa mar-residenti
301 Works Order Valletta Aluminium
302 Koptasin
303 Koptasin
304 Koptasin

**7 Ordnijiet tal-Ġurnata**

Daħal fil-laqgħa l-Accountant is-Sur Chris Farrugia.

(a) Estimi Finanzjarji 2014
Is-Sur Chris Farrugia spjega l-Estimi Finanzjarji 2014 kif ġew rakkomandati mil-Kumitat tal-Finanzi. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel u approvahom unanimament.

(b) Quarterly Report Settembru 2013
Is-Sur Chris Farrugia spjega l-Quartely Report ta' Settembru 2013 kif ġew rakkomandati mill-Kumitat tal-Finanzi. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel u approvahom unanimament.

(c) Tender tal-Patching u Bankini
Is-Segretarju qara r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn irrakomanda li jiġi ppruvat il-Kuntrattur Polidano Bros Ltd għal perjodu ta' sena.

Il-Kunsill wara diskussjoni qabel unanimament li ma jilqax ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u jagħżel li jerġa jiftaħ il-proċess tat-tender a bażi li kellna 3 Kunsilli lokali li kellhom problemi mal-imsemmi Kuntrattur.

(d) Pjan ta' Ħidma

Is-Sindku qal li il-Pjan ta' Ħidma mhux konkluż u nikkonkluduħ nhar l-24 ta' Novembru meta jkollna l-laqgħa Ġenerali mal-Pubbliku u forsi jkun hemm xi proposti ġodda.

***8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati***

8.1 Is-Sur Ranier Busuttil ippreżenta l-Minuti approvati tal-Kumitat tal-Finanzi

8.2 Is-Sur Ranier Busuttil ippreżenta l-Minuti approvati tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni

***9 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

9.1 Is-Sindku qal li inqalgħet ħsara kbira fuq id-dawl tal-Ġnien Romeo Romano fuq il-Main Switch Board. Ġibna ~~persuna~~ Electrician privat sabiex jirranġa l-imsemmija problema.

9.2 Is-Sindku tkellem fuq it-Traffic Management ta' Triq Emmanuel Attard u Triq il-Parata. Informa ukoll lill-Kunsilliera preżenti li sabiex trakkijiet jgħaddu kontra l-One Way peress li ma jgħaddux minn Triq l-Inkwina, il-kuntrattur għandu jibda jipprovdi minn tal-inqas żewġ gwardjani u dan sabiex jissorveljaw l-akwata.

9.3 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-ikla tal-Milied ser tiġi organizzata nhar is-Sibt 28 ta' Diċembru għal ħabta tas-1.15pm. Dettalji jingħataw aktar l'quddiem.

*10 Aġġornament*

10.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2013 fis-6.30pm b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa intemmet fid-9.30pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 16/12/2013